32006R0199

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 199/2006

tat-3 ta' Frar 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 466/2001 li li jistabilixxi livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel fir-rigward tad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi il-proċeduri tal-Komunita' għall-kontaminanti fl-ikel [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2001 [2] jiffissa l-livelli massimi għal ċerti sustanzi li jikkontaminaw l-oġġetti ta' l-ikel.

(2) "Id-dijossini" kif jissemmew f' dan ir-Regolament ikopru grupp ta' konġeneri tas- 75 polychlorinated dibenzo-p-dioxin ("PCDD") u konġeneri tal-135 polychlorinated dibenzofuran ("PCDF"), li minnhom 17 huma ta' importanza tossikoloġika. Il-Polychlorinated biphenyls ("PCBs") huma grupp ta' 209 konġeneri differenti li huma mqassma fi żewġ gruppi skond il-proprjetajiet tossikoloġiċi tagħhom: numru żgħir għandhom karatteristiċi tossikoloġiċi li huma simili għad-dijossini u għalhekk ħafna drabi jissemmew bħala "PCBs li jixbħu lid-dijossini". Il-maġġoranza ma jurux tossiċità simili għal tad-dijossini iżda għandhom profil tossikoloġiku differenti.

(3) Kull konġeneru tad-dijossina jew tal-PCB s li jixbħu lid-dijossini għandhom livell differenti ta' tossiċità. Sabiex tista' tingħadd it-tossiċità ta' dawn il-konġeneri differenti, il-kunċett tal-fatturi ta' ekwivalenza ta' tossiċità ("TEFs") ġie introdott biex jiffaċilita l-assessjar tar-riskji u l-kontroll regolatorju. Dan ifisser li r-riżultati analitiċi relatati mal-konġeneri individwali kollha tad-dijossini u tal-PCBs li jixbħu lid-dijossina li huma ta' importanza tossikoloġika huma espressi f' termini ta' unità kwantifikabbli, jiġifieri "l-ekwivalenza tossika TCDD" (TEQ).

(4) Fit-30 ta' Mejju 2001 il-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel (SCF) adotta Opinjoni dwar l-Assessjar tar-Riskji tad-Dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-Dijossini fl-Ikel, fejn aġġornaw l-Opinjoni tagħhom fuq dan is-suġġett fuq il-bażi ta' informazzjoni xjentifika ġdida li kienet saret disponibbli mill-adozzjoni ta' din ta' l-aħħar [3]. L-SCF iffissaw konsum tollerabbli għal perjodu ta' ġimgħa ("TWI") ta' 14 pg WHO-TEQ/kg ta' piż tal-ġisem għad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini. Stima ta' l-esponiment tindika li parti konsiderevoli tal-popolazzjoni Komunitarja għanha konsum fid-dieta ogħla mit-TWI. Ċerti gruppi ta' popolazzjonijiet f' xi pajjiżi jistgħu ikunu f'riskju akbar minħabba ċerti użanzi partikolari fid-dieta tagħhom.

(5) Minn aspett tossikoloġiku, kull livell stipolat għandu japplika għad-dijossini u għall-PCBs li jixbħu lid-dijossini, iżda fl-2001 livelli massimi ġew stipolati għad-dijossini biss u mhux għall-PCBs li jixbħu lid-dijossini, bil-konsidrazzjoni tad-data limitata ħafna f'dak iż-żmien dwar il-prevalenza tal-PCBs li jixbħu lid-dijossini. Fl-istess ħin, saret disponibbli iktar data dwar il-preżenza tal-PCBs li jixbħu lid-dijossini.

(6) Skond ir-Regolament (KE) Nru 466/2001, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-dispożizzjonijiet fir-rigward tad-dijossini fid-dawl tad-data l-ġdida dwar il-preżenza tad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini, b' mod partikolari bil-viżjoni għall-inklużjoni tal-PCBs li jixbħu lid-dijossini fil-livelli li għandhom jiġu stipolati.

(7) L-operaturi kollha tal-katina ta' l-ikel u ta' l-għalf għandhom ikomplu bl-isforzi possibbli u jagħmlu kull ma huwa meħtieġ biex jillimitaw id-dijossini u l-PCBs preżenti fl-għalf u fl-ikel. Ir-Regolament (KE) Nru 466/2001 jistipola kif xieraq li l-livelli massimi applikabbli għandhom għalhekk jerġgħu jiġu riveduti sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006 bil-għan ta' tnaqqis sinifikanti tal-livelli massimi u possibilment l-istipolar tal-livelli massimi għal oġġetti ta' l-ikel oħrajn. Fid-dawl taż-żmien meħtieġ għall-ksib ta' biżżejjed data ta' monitoraġġ għad-determinazzjoni ta' livelli daqstant iktar baxxi, il-limitu taż-żmien għandu jiġi estiż.

[1] ĠU L 37, tat-13.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 77, tas-16.3.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 1822/2005 (ĠU L 293, tas-9.11.2005 p. 11).

[3] Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel fuql-Assessjar tar-Riskju tad-Dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-Dijossini fl-Ikel adopttat fit-30 ta' Mejju 2001- Aġġornament ibbażat fuq informazzjoni xjentifika ġdida disponibbli mill-adozzjoni ta' l-opinjoni SCF tat-22 ta' Novembru 2000 (http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/scf/out90_en.pdf)

(8) Huwa propost li l-livelli massismi jiġu stipolati għat-total tad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini li huma espressi bħala ekwivalenzi ta' tossiċità skond l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), permezz tat-TEFs tal-WHO billi dan huwa l-approċċ l-iktar xieraq minn aspett tossikoloġiku. Sabiex tkun aċċertata tranżizzjoni mingħajr tfixkil, il-livelli massimi eżistenti għad-dijossini għandhom jinżammu applikabbli għall-perjodu ta' tranżizzjoni flimkien ma' livelli ġoddi stipolati għad-dijossini u għall-PCBs li jixbħu d-dijossini. L-oġġetti ta' l-ikel li huma indikati fis-sezzjoni 5 ta' l-Anness I għandhom ikunu f' konformità għal dak il-perjodu mal-livelli massimi tad-dijossini u mal-livelli massimi tat-total tad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini. Ser tingħata konsiderazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2008 lill-għotja ta' livelli massimi separati għad-dijossini.

(9) Huwa wkoll ta' importanza ewlenija li r-riżultati analitici jiġu rrappurtati u interpretati b'mod uniformi sabiex ikun żgurat metodu ta' infurzar armonizzat fil-Komunità kollha. Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/69/KE tat-30 ta' Lulju 2002 li tistipola l-metodi ta' ksib tal-kampjuni u l-metodi ta' l-analiżi għall-kontrolli uffiċjali tad-dijossini u l-ksib tal-PCBs li jixbħu lid-dijossini li jinsabu fl-oġġetti ta' l-ikel [1] tipprevedi li ħafna minnhom għandhom jiġu kkunsidrati bħala mhux f' konformità mal-livell massimu stabbilit jekk ir-riżultat analitiku li huwa kkonfermat minn analiżi doppja u kkalkulat bħala l-medja ta' mill-inqas żewġ kisbiet separati huwa, mingħajr ebda dubju, ogħla mil-livell massimu jekk titqies l-inċertezza fil-kejl. Hemm possibiltajiet differenti għall-istima ta' l-inċertezzi miżjuda [2].

(10) Sabiex ikun inkuraġġat approċċ proattiv fit-tnaqqis tad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini fl-ikel u fl-għalf, livelli ta' azzjoni ġew stipolati mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2002/201/KE ta' l-4 ta' Marzu 2002 dwar it-tnaqqis tal-preżenza tad-dijossini, l-furani u l-PCBs fl-oġġetti ta' l-għalf u fl-oġġetti ta' l-ikel [3]. Il-livelli ta' azzjoni huma mezz għall-awtoritajiet kompetenti u għall-operaturi biex jenfasizzaw dawk il-każijiet fejn huwa xieraq li jiġu identifikati s-sorsi tal-kontaminazzjoni u jittieħdu miżuri għat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tagħhom. Billi s-sorsi tad-dijossini u tal-PCBs li jixbħu lid-dijossini huma differenti, huwa xieraq li jiġu ddeterminati livelli ta' azzjoni differenti għad-dijossini minn naħa waħda u għall-PCBs li jixbħu lid-dijossini minn naħa l-oħra. Ir-Rakkomandazzjoni 2002/201/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq.

(11) Ingħataw derogi lill-Finlandja u l-Iżvezja biex iqiegħdu fis-suq ħut li joriġina mir-reġjun Baltiku u li huwa intenzjonat għall-konsum fit-territorju li għandu livelli ta' dijossini ogħla minn dawk stipolati fil-punt 5.2 tas-sezzjoni 5 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 466/2001. Dawk l-Istati Membri laħqu l-kondizzjonijiet fir-rigward tal-provvista ta' l-informazzjoni lill-konsumatur dwar rakkomandazzjonijiet fid-dieta. Kull sena huma kkomunikaw ir-riżultati tal-livelli ta' monitoraġġ tad-dijossini fil-ħut mir-reġjun Baltiku lill-Kummissjoni u rrappurtaw dwar il-miżuri ta' tnaqqis ta' esponiment għad-dijossini mir-reġjun Baltiku.

(12) Fuq il-bażi tar-riżultati tal-monitoraġġ tal-livelli tad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini li saru fil-Finlandja u fl-Iżvezja, il-perjodu ta' tranżizzjoni li fih id-derogi mogħtija lil dawk l-Istati Membri għandhom japplikaw għandhom jiġu estiżi, iżda dawk id-derogi għandhom ikunu limitati għal ċerti speċi ta' ħut. Dawk id-derogi japplikaw għal-livelli massimi tad-dijossini u l-livelli massimi tat-total tad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini stipolati fil-punt 5.2 tas-sezzjoni 5 ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 466/2001.

(13) It-tnaqqis ta' l-esponiment tal-bniedem għad-dijossini u lill-PCBs li jixbħu lid-dijossini permezz ta' konsum ta' l-ikel huwa importanti u meħtieġ għall-aċċertament tal-protezzjoni tal-konsumatur. Billi l-kontaminazzjoni ta' l-ikel hija konnessa direttament mal-kontaminazzjoni ta' l-għalf, approċċ integrat għandu jiġi adottat biex titnaqqas l-inċidenza tad-dijossini u tal-PCBs li jixbħu lid-dijossini fil-katina alimentari, jiġifieri minn materjali ta' l-għalf permezz ta' annimali li jipproduċu l-ikel salbniedem. Għandu jissegwa approċċ proattiv sabiex jitnaqqsu b' mod attiv id-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini fl-għalf u fl-ikel u konsegwentament il-livelli massimi applikabbli għandhom jiġu riveduti f'perjodu ta' żmien definit bil-għan li jiġu stipolati livelli iktar baxxi. Għalhekk ser jitqies sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008 it-tnaqqis b' mod sinifikanti l-livelli massimi tas-totali tad-disjossini u tal-PCBs li jixbħu lid-dijossini.

(14) L-operaturi għandhom jagħmlu sforzi li jrażżnu l-kapaċità tagħhom effettivament biex jeliminaw id-dijossini, il-furani u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini miż-żejt tal-baħar. Il-livell aktar baxx b'mod sinifikanti li għandu jitqies sal-31 ta' Diċembru 2008, għandu jkun ibbażat fuq il-possibiltajiet tekniċi tal-proċeduri ta' dekontaminazzjoni l-iktar effettivi.

(15) Fir-rigward ta' l-istabbiliment tal-livelli massimi għal oġġetti ta' l-ikel oħrajn sal-31 ta' Diċembru 2008, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu stipolati livelli massimi ta' dijossini u ta' PCBs li jixbħu lid-dijossini fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar fid-dawl tad-data ta' monitoraġġ miksuba permezz tal-programmi ta' l-2005, l-2006 u l-2007 għall-monitoraġġ tad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini fl-ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar.

(16) Ir-Regolament (KE) Nru 466/2001 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

---

(1) ĠU L 209, tas-6.8.2002, p. 5. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/44/KE tat-13 ta' April 2004 (ĠU L 113, ta' l-20.4.2004, p. 17)

(2) Informazzjoni dwar il-mezzi differenti għall-istima ta' l-inċertezzi fil-kejl u tal-valur ta' l-inċertezza fil-kejl jistgħu jinkisbu mir-rapport "Rapport dwar ir-relazzjoni bejn ir-riżultati analitiċi, l-inċertezza fil-kejl, il-fattur ta' l-irkuprar u d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta' l-UE dwar l-ikel u l-għalf" - http://europa.eu.int/comm/food/food/chemicalsafety/contaminants/report-sampling_analysis_2004_en.pdf

(3) ĠU L 67, tad-9.3.2002, p. 69.

(17) Il-miżuri stipolati f'dan ir-Regolament jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 466/2001 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Paragrafu 1a jinbidel b'dan li ġej:

"1a. Permezz tad-deroga mill-paragrafu 1, il-Finlandja u l-Isvezja hum awtorizzati, għal perijodu ta' transizzjoni estiż sal-31 ta' Diċembru 2011, biex iqiegħdu fis-suq tagħhom salamun (*Salmo salar*), aringi (*Clupea harengus*), qalfat tax-xmajjar (*Lampetra fluviatilis*), troti *(Salmo trutta), char (Salvelinus spp)* u r-*roe of Vendace (Coregonus albula)* li joriġinaw mir-reġjun Baltiku u li huma intenzjonati għall-konsum fit-territorju tagħhom bil-livelli tad-dijossini u/jew il-livelli jew it-total tad-dijossini u l-PCB sli jixbħu lid-dijossini hija ogħla minn dawk stipolati fil-punt 5.2 tas-sezzjoni 5 ta' l-Anness I, bil-kondizzjoni li tiddaħħal fis-seħħ sistema biex taċ-ċerta li l-konsumaturi huma infurmati sew dwar ir-rakkomandazzjonijiet tad-dieta fir-rigward tar-restrizzjonijiet fil-konsum ta' dawn l-ispeċi ta' ħut mir-reġjun Baltiku minn sezzjonijiet vulnerabbli tal-popolazzjoni sabiex jiġu evitati riskji potenzjali għas-saħħa.

Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, il-Finlandja u l-Iżvezja għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni r-riżultati tal-livelli ta' monitoraġġ tagħhom tad-dijossini u tal-PCBs li jixbħu lid-dijossini fil-ħut mir-reġjun Baltiku miksuba fis-sena preċedenti u għandhom jirrappurtaw dwar il-miżuri li ttieħdu biex jitnaqqas ir-riskju ta' esponiment tal-bniedem lid-dijossini u l-PCB sli jixbħu lid-dijossini mill-ħut mir-reġjun Baltiku. Il-Finlandja u l-Iżvezja għandhom ikomplu jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex jaċċertaw li l-ħut u l-prodotti ta' ħut li ma jikkonformawx mal-punt 5.2 tas-Sezzjoni 5 ta' l-Anness I ma jitqegħdux fis-suq fi Stati Membri oħrajn."

(b) Il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-livelli massimi speċifikati fl-Anness I għandhom japplikaw għall-parti li tittiekel ta' l-oġġetti ta' l-ikel ikkonċernati, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f' dak l-Anness."

(2) L-Artikolu 2 jinbidel b' li ġej

"Artikolu 4a

Fir-rigward tad-dijossini u s-somma tad-dijossini u tal-PCBs li jixbħu lid-dijossini fi prodotti kif jissemmew fis-sezzjoni 5 ta' l-Anness I, ser ikun ipprojbit li:

(a) jitħalltu prodotti li jikkonformaw mal-livelli massimi mal-prodotti li jaqbżu dawk il-limiti massimi;

(b) jintużaw prodotti li ma jikkonformawx mal-livelli massimi bħala ingredjenti fil-manuxaħamtura ta' oġġetti ta' l-ikel oħrajn."

(3) L-Artikolu 5, paragrafu 3 jitħassar.

(4) L-Anness I hu emendat b'mod konformi ma' l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-4 ta' Novembru 2006.

Fir-rigward tal-livelli massimi għat-total tad-dijossini u l-PCBs li jixbħu lid-dijossini, dan ir-Regolament mhux ser japplika għall-prodotti li kienu tqiegħdu fis-suq qabel il-[*disa' xhur mill-pubblikazzjoni fil-ĠU*].skond id-dispożizzjoni applikabbli. Ir-responsabbiltà li jiġi ppruvat meta l-prodotti tqiegħdu fis-suq għandha tintrefa mill-operatur kummerċjali dwar l-ikel.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-3 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Sezzjoni 5 ta' l-Anness I tinbidel b'dan li ġej:

"Taqsima 5. Dijossini (total ta' polychlorinated dibenzo-*para*-dioxins (PCDDs) u polychlorinated dibenzofurans (PCDFs), espressi bħala ekwivalenzi ta' tossiċita ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)permezz tad-WHO-TEFs (toxic equivalency factors, 1997), u t-total tad-dijossini u tal-PCBs li jixbħu lid-dijossini (total tal-polychlorinated dibenzo-*para*-dioxins (PCDDs), polychlorinated dibenzofurans (PCDFs) u polychlorinated biphenyls (PCBs), expressed espressi bħala ekwivalenzi ta' tossiċità ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)permezz tad-WHO-TEF(toxic equivalency factors, 1997) ([1]))

Ikel	Livelli massimi Total tad-dijossini u l-furani (WHO-PCDD/F-TEQ) (*)	Livelli massimi Total tal-PCBs li jixbħu lid-dijossini (WHO-PCDD/F-PCB-TEQ) (*)	Metodi ta' kampjunar u kriterji ta' rendiment għall-metodi ta' l-analiżi
5.1.1. Laħam u prodotti tal-Laħam (**)			Direttiva tal-Kummissjoni 2002/69/KE (****)
- ta' bhejjem li jixtarru (annimali bovini, nagħaġ)	3,0 pg/g xaħam (***)	4,5 pg/g xaħam (***)	
- ta' tjur u għasafar selvaġġi imrobbija	2,0 pg/g xaħam (***)	4,0 pg/g xaħam (***)	
- tal-majjal	1,0 pg/g xaħam (***)	1,5 pg/g xaħam (***)	
5.1.2. Fwied u prodotti derivati minn annimali terrestri	6,0 pg/g xaħam (***)	12,0 pg/g xaħam (***)	
5.2. laħam ta' muskoli ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd u prodotti tagħhom bl-eċċezzjoni tas-sallur (*****) (******)	4,0 pg/g piż frisk	8,0 pg/g piż frisk	Direttiva tal-Kummissjoni 2002/69/KE (****)
- Laħam tal-muskoli tas-sallur (*Anguilla anguilla*) u prodotti tagħhom	4,0 pg/g piż frisk	12,0 pg/g fresh weight	
5.3. Ħalib (*******) u prodotti tal-ħalib, inkluż ix-xaħam fil-butir	3,0 pg/g xaħam (***)	6,0 pg/g xaħam (***)	Direttiva tal-Kummissjoni 2002/69/KE (****)

([1]) WHO TEFs għall-assessjar tar-riskju fil-bniedem ibbażati fuq konklużjonijiet ta' l-Organizzazzjoni dinjija tas-Saħħa minn laqgħa fi Stokkolma, fl-Iżvezja fil-15-18 ta' Ġunju 1997 (Van den Berg et al., (1998) Toxic Equivalency Factors (TEFs) għall-PCBs, PCDDs, PCDFs għall-Bniedem u l-Annimali Selvaġġi. *Environmental Health Perspectives, 106(12), 775)*

Konġeneru	Valur TEF	Konġeneru	Valur TEF
Dibenzo-p-dioxins ("PCDDs")		*"Dioxin-like" PCBs*	
2,3,7,8-TCDD	1	***Non-ortho PCBs + Mono-ortho PCBs***	
1,2,3,7,8-PeCDD	1	***Non-ortho PCBs***	
1,2,3,4,7,8-HxCDD	0,1	PCB 77	0,0001
1,2,3,6,7,8-HxCDD	0,1	PCB 81	0,0001
1,2,3,7,8,9-HxCDD	0,1	PCB 126	0,1
1,2,3,4,6,7,8-HpCDD	0,01	PCB 169	0,01
OCDD	0,0001	***Mono-ortho PCBs***	
Dibenzofurans ("PCDFs")		PCB 105	0,0001
2,3,7,8-TCDF	0,1	PCB 114	0,0005
1,2,3,7,8-PeCDF	0,05	PCB 118	0,0001
2,3,4,7,8-PeCDF	0,5	PCB 123	0,0001
1,2,3,4,7,8-HxCDF	0,1	PCB 156	0,0005
1,2,3,6,7,8-HxCDF	0,1	PCB 157	0,0005
1,2,3,7,8,9-HxCDF	0,1	PCB 167	0,00001
2,3,4,6,7,8-HxCDF	0,1	PCB 189	0,0001
1,2,3,4,6,7,8-HpCDF	0,01		
1,2,3,4,7,8,9-HpCDF	0,01		
OCDF	0,0001		

Abbrevjazzjonijiet użati: "T" = tetra; "Pe" = penta; "Hx" = hexa; "Hp" = hepta; "O" = octa; "CDD" = chlorodibenzodioxin; "CDF" = chlorodibenzofuran; "CB" = chlorobiphenyl.

Ikel	Livelli massimi Total tad-dijossini u l-furani (WHO-PCDD/F-TEQ) (*)	Livelli massimi Total tal-PCBs li jixbhu lid-dijossini (WHO-PCDD/F-PCB-TEQ) (*)	Metodi ta' kampjunar u kriterji ta' rendiment ghall-metodi ta' l-analiżi
5.4. Tiġieġ u prodotti tal-bajd (********)	3,0 pg/g xaħam (***)	6,0 pg/g xaħam (***)	Direttiva tal-Kummissjoni 2002/69/KE (****)
5.5. Żjut u Xaħmijiet			Direttiva tal-Kummissjoni 2002/69/KE (****)
- Xaħam ta' l-annimali			
- minn bhejjem li jixtarru	3,0 pg/g xaħam	4,5 pg/g xaħam	
- ta' tjur u għasafar selvaġġi imrobbija	2,0 pg/g xaħam	4,0 pg/g xaħam	
- tal-majjal	1,0 pg/g xaħam	1,5 pg/g xaħam	
- xaħmijiet ta' annimali mħallta	2,0 pg/g xaħam	3,0 pg/g xaħam	
- Xaħmijiet u żjut veġetali	0,75 pg/g xaħam	1,5 pg/g xaħam	
- żejt tal-baħar (żejt tal-ġisem tal-ħut, żejt tal-fwied tal-ħut u żjut ta' organiżmi marini oħrajn intenzjonati għall-konsum mill-bniedem)	2,0 pg/g xaħam	10,0 pg/g xaħam	

(*) Konċentrazzjonijiet li huma eqreb lejn valuri għoljin: Konċentrazzjonijiet li huma eqreb lejn valuri għaljin huma kkalkulati bl-assunzjoni li l-valuri ta' konġeneri differenti huma taht il-limitu tal-kwantifikazzjoni huma l-istess daqs il-limitu tal-kwantifikazzjoni.

(**) Laħam minn annimali bovini, naghaġ, hnieżer u għasafar selvaġġi imrobbija kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 139, tat-30.4.2004. Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22) iżda mhux inkluża fl-offal li jittiekel kif definit f' dak l-Anness.

(***) Il-livelli massimi mhumiex applikabbli għall-prodotti ta' l-ikel li fihom < 1 % xaħam.

(****) ĠU L 209, tas-6.8.2002, p. 5. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/44/KE (ĠU L 113, ta' l-20.4.2004, p. 17).

(*****) Laħam tal-muskoli tal-ħut u ta' prodotti tas-sajd kif definiti fil-kategoriji (a), (b), (c), (e) u (f) tal-lista fl-Artikolu1 fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU L 17, tal-21.1.2000, p. 22. Regolament kif l-aħħar emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003. Il-livell massimu japplika għall-krostaċeji, li jeskludi il-laħam kannella tal-granċ u r-ras u t-toraċi ta' l-awwista u ta' krostaċeji kbar li huma simili (*Nephropidae u Palinuridae*) kif ukoll għall-kefalopodi minghajr vixxeri.

(******) Fejn il-ħut huwa intenzjonat li jittiekel shiħ, bil-livelli massimi applikabbli għall-ħuta shiħa.

(*******) Ħalib (ħalib nej, ħalib għall-manifattura ta' prodotti bbażati fuq ħalib u ħalib ipproċessat bis-shana kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(********) Bajd ta' tiġieġ u prodotti tal-bajd kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004."